

**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu stabbilit għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2005/14/KE fid-dritt nazzjonali skada fil-11 ta' Ġunju 2007.

(<sup>1</sup>) ĠU L 149, 11.6.2005, p. 14.

**Rikors ippreżentat fit-8 ta' Awissu 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Ellenika**

**(Kawża C-368/08)**

(2008/C 247/19)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: U. Wölker u I. Dimitriou)

Konvenuta: Ir-Repubblika Ellenika

**Talbiet**

- tikkonstata li, billi m'adottattx, jew fi kwalunkwe każ, ma nnotifikatx lill-Kummissjoni, il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2004/35/KE (<sup>1</sup>) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' April 2004, dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi imposti fuqha minn din id-Direttiva,
- tikkundanna lir-Repubblika Ellenika għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu stabbilit għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2004/35/KE fid-dritt nazzjonali skada fit-30 ta' April 2007.

(<sup>1</sup>) ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56.

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' Mejju 2008 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landesgericht Klagenfurt — L-Awstrija) — A-Punkt Schmuckhandels GmbH vs Claudia Schmidt**

**(Kawża C-315/07) (<sup>1</sup>)**

(2008/C 247/20)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

(<sup>1</sup>) ĠU C 269, 10.11.2007.

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Ġunju 2008 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landgericht Berlin — Il-Ġermanja) — M.C.O. Congres vs Suxess GmbH**

**(Kawża C-476/07) (<sup>1</sup>)**

(2008/C 247/21)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

(<sup>1</sup>) ĠU C 22, 26.1.2008.